

## II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

### **Avviż dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħħa l-oħra**

L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Botswana, ir-Renju tal-Lesoto, ir-Repubblika tan-Namibja, ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, u r-Renju tas-Swaziland innotifikaw it-tlestitja tal-proċeduri neċċessarji għall-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħħa l-oħra <sup>(1)</sup>, f'konformità mal-Artikolu 113 ta' dak il-Ftehim. Konsegwentement, il-Ftehim japplika proviżorjament mill-10 ta' Ottubru 2016 bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Botswana, ir-Renju tal-Lesoto, ir-Repubblika tan-Namibja, ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, u r-Renju tas-Swaziland. Bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1623 <sup>(2)</sup> dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, l-Artikolu 12(4) ma għandux jiġi applikat proviżorjament. Fl-10 ta' Ottubru 2016, għall-prodotti li jorġinaw fil-Botswana, in-Namibja u s-Swaziland, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, il-Protokoll 1 tal-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti orīginarji" ser jieħu post id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Anness II tar-Regolament imsemmi.

<sup>(1)</sup> ĠUL 250, 16.9.2016, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠUL 250, 16.9.2016, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠUL 185, 8.7.2016, p. 1.